MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2011

Numru 421/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Massimo Caruso ta' 37 sena bin Antonio u Vera nee` Spada imwieled Siracusa fl-17 ta' Jannar 1973 u temporanjament joqghod fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin detentur tal-karta ta' l-identita` b'numru 22119ª**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli fi 23 ta' Menjju 2010 ghal habta tal-10.30pm fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin u f'dawn il-gzejjer:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal- Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-

esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew iforni d-droga 'msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emmendati u dan bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hinijiet u cirkustanzi bhala persuna, li m'hix ufficjal tal-habs jew persuna impjegata fil-habs, minghajr l-awtorita legittima, dahhal jew ipprova jdahhal f'xi parti tal-konfini ta' habs xi oggett ikun li jkun li hu projbit skond xi regolamenti mghamulin skond dan l-Att, jew garr jew ipprova jgorr xi oggett bhal dak barra mill-habs.

3. U aktar talli sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra u dan ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-ordni tal-Avukat Generali ai Termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101);

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fatt illi l-imputat huwa recidiv.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Taqsimiet 4 u 6 u l-artikoli 22 (1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02, l-artikolu 7 tal-Kapitolu 260 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 33A, 49 u 50 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-sena prigunerija u ghall-hlas tal-ispejjez peritali konnessi ma din il-kawza fl-ammont ta' tlett mija uu erba' u tmenin euro u sitta u sittin centezmu (€384.66).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------